# Il-Knisja ta' Santa Katarina tad-Daħla fir-Rabat

F'din is-sensiela li fiha qegħdin naraw knejjes ta' Santa Katarina fi gżiritna din is-sena se naraw il-knisja li nsibu fl-inħawi magħrufa bħala 'Tad-Daħla' fir-Rabat, Malta.

Ġrajjiet din il-knisja jibdew mis-seklu sittax. F'dak iż-żmien (fl-1575) il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietro Duzina żar din il-knisja, flimkien ma knejjes oħra fi gżiritna. Ma tantx sabha fi stat tajjeb la kellha bieb u lanqas paviment iżda għalinqas kellha r-rettur li dan kien responsabbli li kull sena, kien jiċċelebra il-festa tal-qaddisa bir-reċita tal-għasar u biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Il-Kappillan ta' Had-Dingli kien imexxi dawn il-funzjonijiet. Wara din il-viżta, Monsinjur Duzina, ordna l-għeluq ta' din il-knisja. Il-kwadru titulari ittieħed fil-knisja ta' San Pawl tar-Rabat u l-istess sar fid-dmir taċ-ċelebrazzjoni tal-quddies.



*Il-Kwadru titulari meqjum fil-kappella ta' Santa Katarina tad-Daħla fir-Rabat*

L-istess viżitatur ta' l-permess biex il-ġebel ta' din il-knisja imġarrfa seta jittieħed

♦ *ikompli f'paġna 35*

MILLENIUM INSURANCE AGENCY LTD.
M.A.C AUTHORISED SUB-AGENT
WE OFFER GOOD RATES ON
BUSINESS INSURANCE, HOUSEHOLD INSURANCE, MOTOR INSURANCE,
(SPECIAL RATES ON ALL SKODA CARS)
PERSONAL ACCIDENT INSURANCE, TRAVEL INSURANCE.
SAVE MONEY AND INSURE WITH MILLENIUM INSURANCE
WE PROTECT ALL YOUR NEEDS.
TRIQ IL-PRESIDENT ANTON BUTTIĠIEĠ, ŻEJTUN TEL/FAX:804598

♦ *ikompli minn paġna 33*

għal knisja l-ġdida.
Ħamsin sena wara din il-viżta, iġifieri fl-1628, din il-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid. Din id-darba iżda inbniet bi spejjeż Indri Vassallo u hekk din il-knisja saret ġust patronat tal-familja ta' Indri Vassallo.
Lir-Rettur tagħha, il-benefattur rabtu li dan kellu jqaddes ħames quddisiet f'din il-knisja fis-sena. Dawn kellhom jiġu iċċelebrati fil-festi ta' Santa Katarina, ta' San Blas, ta' Sant Andrija, ta' San Pawl u ta' Santa Luċija.
Skond ir-rapporti tal-viżti pastorali nafu li din kienet knisja żgħira b'artal tal-ġebel li dan kien imżejjen bil-gandlieri ta' l-injam filwaqt li l-knisja kellha dak kollu li kien meħtieġ għas-servizz liturġiku.
Il-Kwadru titulari kien jirrappreżenta lil Santa Katarina flimkien mal-Qaddisin Pawlu, Andrija, Bjaġju u Luċija.
Interessanti ħafna n-nota li nsibu f'waħda minn dawn il-viżti li din tgħidilna li għal ħabta tas-sena 1630 ma' din il-knisja kien maqgħud ċimiterju żgħir, li bħal knisja kien miżmum tajjeb ħafna iżda mal-mixja tas-snin din il-knisja waqgħet fi stat ħażin

♦ *ikompli f'paġna 37*

**Schembri Bros. and Farrugia Ltd.**

**Tal-Barrani Road, Żejtun**
**Tel: 673070/808876**
**Fax: 808875**

*Suppliers of:*

*Ready mixed concrete, Hire of Cranes, Bricks,*
*Steel mesh, Reinforced Mild Steel Rods and Stirrups*

♦ *ikompli minn paġna 35*

ħafna, kemm hu hekk meta fis-sena 1744, żarha id-delegat ta' l-Isqof Poalo Alpheran de Bussan sabha fi stat deplorevoli ħafna.
Ir-raġuni prinċipali ta' dan l-istat kienu l-ħsarat li għamel it-terremot li laqat il-gżejjer tagħna fl-20 ta' Frar tas-sena 1743.
Id-delegat ta' l-Isqof ordna lil werrieta ta' Indri Vassallo biex immedjatament isewwu dawk il-ħsarat b'pieni ħorox jekk ma jagħmluhomx.
Il-werrieta sewwew dawn il-ħsarat u żiedu xi partijiet magħha, b'mod li l-knisja ġiet mogħtija id-dehra li għanda llum.
Il-ġust patronat imħolli minn Indri Vassallo baqa' jintiret minn familja għal oħra, iżda llum il-knisja tagħmel parti mill-parroċċa tar-Rabat.
Fis-seklu tagħna, fl-inħawi ta' din il-kappella tela' ħafna bini, u għalhekk din ġiet fiċ-ċentru ta' bosta familji. Dan it-tkabbir ta' l-inħawi wassal biex din il-knisja tilħaq aktar il-għan li għalih inbniet. Saret ċentru liturġiku. Jsir fiha quddies, funzjonijiet, eżerċizzi, irtiri u attivitajiet oħra. Il-festa ta' Santa Katerina tiġi ċċelebrata bis-solenita' kollha jiġifieri bil-purċissjoni, bl-armar, bil-baned u bin-nar. Il-qofol tkun l-istatwa tal-qaddisa maħduma minn Ġirolmu Dingli u kif ukoll l-knisja imżejjna b'mod tassew sabiħ. L-ilħna tal-qniepen tad-ditta Barricozzi jkomplu jferrħu l-ferħ ta' din il-festa li tiġi ċċelebrata fl-aħħar ħadd ta' Settembru.
Kif rajna għalhekk, din il-knisja ta' Santa Katarina tar-Rabat, magħrufa bħala tad-Daħla mhiex knisja mejta, magħluqa jew mimlija armar, iżda hija knisja mimlija ħajja li fiha tispikka ħafna il-qima' lejn Santa Katerina Verġni u Martri.

**Tas-Sliema**
**30 ta' April 1999**

**Tony Terribile**


# A.Caruana Bros.

## Building Contarctor

**Għal xogħol ta' Bini u Konkos**

**Tel: 677126**